MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2011

Avviz Numru. 247/2010

**Joseph u Salvina konjugi Gatt**
**vs**

**Joseph Balzan u Jacqueline Balzan**

## Il-Qorti:-

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar is-7 ta’ Lulju 2010 fejn l-atturi talbu lil Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsuhom s-somma ta’ ghaxart elef erba mija w erba’ Ewro u tmienja w hamsin centezmu (€10,404.58) rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta’ disat elef, tlett mija w sbatax-il Ewro w hamsin centesmu (€9,317.50) it-total tal-pagamenti li gew dovuti fil-21 ta’ Frar 2009 u fil-21 ta’ Frar 2010 ai termini tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Mary sive Mariella Mizzi datat 21 ta’ Frar 2007 u in kwantu ghar-rimanenti balance t’elf u seba w tmenin Ewro u tmien centezmi (€1,087.08) l-interessi dovuti sallum ai termini tal-imsemmi kuntratt.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra taghhom inkluz dawk tal-ittra ufficcjali mahruga taht l-Artikolu 166A tal-KAp 12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 11 ta' Novembru 2009 u minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti kienu debitament notifikati skond riferta posittiva tal-Marixxal John Micallef ta' nhar is-26 ta' Ottubru 2010, a fol. 13 tergo tal-process, fejn thalliet kopja tal-avviz fil-Kunsill Lokali w fl-ghassa tal-pulizija ta' Haz Zebbug, kif ukoll fl-indirizz tal-konvenuti  kif moghti fir-rikors promotur tal-atturi.

Illi l-konvenuti gew notifikat b'din il-kawza wkoll permezz t'avviz li deher fil-gazetta tal-Gvern nhar id-29 ta' Ottubru 2010  u fil-gazetta lokali The Times datata 6 ta' Dicembru 2010 (Dok JG 2).

Illi fis-seduta tal-15 ta' Dicembru 2010 l-atturi pprezentaw kapitolu fil-konfront tal-konvenuti.

Rat illi fis-seduta tal-15 ta' Dicembru 2010 il-konvenuti gew imsejha izda ma dehrux, la biex jikkontestaw it-talba tal-atturi w lanqas biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tal-atturi jghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba taghhom  tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenuti jhallsu *in solidum* bejniethom lill-atturi s-somma ta' ghaxart elef erba mija w erba' Ewro w tmienja w hamsin centezmu (€10,404.58) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-imghaxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------